MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Numru. 1134/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IVAN CILIA**
**KONTRA**

**EDGAR URPANI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Edgar Urpani ta’ 40 sena, bin Ronald u Josephine nee’ Serra, mwieled tas- Sliema nhar id- 19 ta’ Lulju 1968, residenti fil- fond 86, Triq it- Torri, Sliema u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 2922468(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ Awwissu 2008 u fis- snin u xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1) approprja ruhu, billi dawwwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is- somma ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta’ Jefrin Grech, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

2) u aktar talli, fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh, ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta’ Jefrin Grech;

3) u aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal- Gvern;

4) u aktar talli, fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il- pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l- atti jew skritturi

wara li jkun gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5) u aktar talli, fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

6) u aktar talli , fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

7) u aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ddenunzja lill- Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil- qerq holoq it- tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar.

B’hekk Edgar Urpani, kiser il- kundizzjoni li biha kien illiberat li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u dan b’sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati fil- 11 ta’ Frar 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

1. Fatti

Illi il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien mar jirrapporta lill-Ufficjali tal-Pulizija, fuq istruzzjonijiet tal-Avukat tieghu, li hu kien vittma tal-uzura, u li kien qed jigi aggredit mill-persuna li kienet sellfitu l-flus b’imghax ezorbitanti. Fil-kors tal-indagini taghha, il-Pulizija sabet xi diskrepanzi f’dak li kien qed ighid l-imputat ma

dak li gie riskontrat bhala fatt, u ghaldaqstant nibet is-suspett li l-imputat seta' ghamel rapport falz biex ighatti reat ta' misapproprjazzjoni jew ta' frodi. B'hekk inbdew dawn il-proceduri fil-konfront tieghu.

2. Provi

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni rrisulta li l-imputat kien inghata somma ta' hamest elef Lira Maltin (eqwivalenti ghal €11,646.90) f'Gunju tal-2007 permezz ta' 'bank draft' minn kont bankarju ta' certu Ishmael Hatherly (esebit a fol. 65 tal-process), li suppost kien qed ihallas dawn il-flus ghan-nom ta' Jefrin Grech. Dawn il-flus allegatament inghataw lill-imputat bhala prezz ta' bejgh ta' vettura mill-imputat lil Grech. Gie fil-fatt esebit "log book" tal-vettura (a fol. 27) li suppost kellha tinbiegh lil Grech bil-firem tal-imputat u tal-mara tieghu sabiex isir it-transfer ghal fuq ix-xerrej. Dan il-bejgh ma sarx, il-vettura baqghet ghand l-imputat, izda xaharejn biss wara li thallas dan l-ammont lill-imputat, l-istess imputat jaghmel "cheque" ta' sitt elef Lira Maltin lil Grech (esebit a fol. 28), liema "cheque" ma ssarrafx minn Grech peress illi l-kont bankarju li minnu nhareg ic-"cheque" ma kienx fih bizzejjed fondi. Jirrisulta mill-provi li Grech ma ghamel l-ebda rapport lill-Pulizija fuq dan l-allegat misapproprjazzjoni jew frodi, izda kien l-imputat li sena wara, f'Awwissu 2008, irrapporta lill-Pulizija li hu kien gie aggredit minn Grech minhabba uzura. Kien biss f' Dicembru 2008, wara li dawn il-proceduri nbdew, li Grech ippresenta kwerela lill-Pulizija (esebita a fol. 29).

Il-Prosekuzzjoni esebiet id-dokumenti hawn fuq imsemmija, flimkien mal-istqarrija tal-imputat (fol. 23), u x-xhieda ta' Grech u ta' Hatherly, apparti tal-Ufficjal Prosekutur, sabiex issahhah it-tezi taghha. L-imputat ghazel li jixhed in difesa, u xehdu ukoll martu u missier il-mara tieghu. L-imputat fix-xiehda tieghu jammetti li hu iffalsifika l-firma tal-mara tieghu fuq il-"log book" tal-vettura, izda ghamel dan ghax kien taht pressjoni biex ighaddi l-"log book" in kwistjoni lil Grech bhala garanzija ghas-self maghmul lilu. Hu jghid li kien vittma ta' uzura u li kien hallas flus kontanti lil Grech minghajr ma qatt inghata ricevuta, u li dejjem kien qed jigi ppressat ihallas aktar.

3. Kunsiderazzjonijiet

Illi l-Qorti, minn dawn il-provi prodotti, hi konvinta li l-imputat huwa hafna aktar kredibbli fil-verzjoni tal-fatti moghtija minnu milli huma kredibbli Grech u Hatherly. Jekk xejn, hija ghal kollox assurda li jixhed Grech, b'wiccu minn quddiem, ighid li l-imputat hallas lura elf u tlitt mitt lira Maltin aktar milli kien tah "ghax jaf hu", minghajr spjegazzjoni ta' xejn. Hadd m'hu ser jemmen li persuna, minn jeddha, tirrifondi lura somma moghtija lilha wara xaharejn li tkun inghatat, b'zieda konsiderevoli, 'bona gratia' u 'gratis et amore', u din tigi accettata ghal xejn b'xejn. Hadd l-anqas m'hu ser jemmen li persuna, li gied defrawdata somma konsiderevoli, ma taghmilx rapport wiehed lill-Pulizija fi tmintax-il xahar, u taghmel kwerela biss wara li jkunu nbdew il-proceduri kontra dik l-istess persuna lit kun allegatament iddefrawdatha.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, il-pozizzjoni ta' Grech u Hatherly hi ghal kollox inkredibbli u ma tistax titwemmen, aktar u aktar jekk l-oggett tal-bejgh kellha tkun il-vettura tal-imputat li, mill-istess "log book" esebit, ma setghetx tigi trasferita lil terzi. Il-Qorti ma taf lil hadd daqshekk imbecilli li jhallas flus bhala prezz ta' oggett li ma jistax jinbiegh, u xaharejn wara jaccetta l-flus lura flimkien ma' zieda ta' aktar minn 25% tas-somma imhallsa, ghax min hallas ried jaghmel hekk. Ghandu stonku jiflah ghal hafna hrejjef ix-xhud Grech biex jigi quddiem din il-Qorti u sfaccatament jippretendi li din l-istess Qorti temmen storja bhal tieghu. Fuq dawn il-provi prodotti l-Qorti m'ghandha ebda triq ohra hlief li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kontra tieghu, hlief ghall-imputazzjoni li ghamel firma falza fuq dokument.

Kwantu ghall-ahhar imputazzjoni moghtija lilu, li hu kiser kundizzjoni moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn kien gie lliberat bil-kudizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza, u cioe' mill-11 ta' Frar 2008, din m'hix applikabbli ghal dan il-kaz peress li r-reat in esami sehh qabel ma nghata dik is-sentenza, u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 283, 310 (1) (a), 308, 309, 167 (1), 183, 184, 189, 110(2), 17, 18, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmi imputat hati tal- ewwel (1), it- tieni (2), it- tielet (3), ir-raba (4), il- hames (5) u s-seba (7) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom;

Filwaqt li ssibu hati tas- sitt (6) akkuza, u ghaldaqstant, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------